MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2012

Referenza Kostituzzjonali Numru. 31/2011

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Carmel Camilleri**

Il-Qorti:

Rat ir-referenza maghmula mill-Qorti Kriminali fit-2 ta' Mejju 2011 (Imhallef Michael Mallia), li permezz taghha, dik il-Qorti, wara li semghet lid-difiza u lill-ufficjal prosekutur fuq l-iskorta tas-sentenzi precitati u stante li kull kaz ghandu c-cirkostanzi partikolari tieghu, peress illi f'dan il-kaz, l-istqarrija ta' l-akkuzat ghandha importanza kbira li tista' taffettwa r-rizultat ta' dawn il-proceduri, ma jidhrilhiex li t-talba hi frivola u ghalhekk tilqa' t-talba u tordna li l-kwistjoni tintbaghat quddiem il-Prim' Awla tal-

Qorti Civili sabiex tigi determinata u tiddiferixxi l-kawza sine die sakemm tigi definittivament deciza l-kwistjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta’ l-Avukat Generali, li wiegeb illi:

Ir-referenza kostituzzjonali maghmula mill-Qorti Kriminali permezz tad-digriet taghha tat-2 ta’ Mejju 2011, hija fis-sens illi ‘fuq l-iskorta tas-sentenzi precitati u stante li kull kaz ghandu c-cirkostanzi partikolari tieghu, peress illi f’dan il-kaz, l-istqarrija ta’ l-akkuzat ghandha importanza kbira li tista’ taffettwa r-rizultat ta’ dawn il-proceduri, ma jidhrilhiex li t-talba hi frivola u ghalhekk tilqa’ t-talba u tordna li l-kwistjoni tintbaghat quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili sabiex tigi determinata u tiddiferixxi l-kawza sine die sakemm tigi definittivament deciza l-kwistjoni’.

L-esponenti jixtieq jippreciza illi r-referenza ma saritx skont ir-Regolament 5 tar-Regolamenti dwar il-Prattika u l-Procedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni (S.L. 12.09) stante li ma tikkontjenix liema hi d-dispozizzjoni tal-Kostituzzjoni ta’ Malta jew tal-Konvenzjoni Ewropea li allegatament gew miksura. Madanakollu mill-verbal tas-seduta tat-2 ta’ Mejju 2011 jidher illi l-lanjanza hija fis-sens illi l-istqarrija tar-rikorrenti esebita fil-proceduri penali u l-uzu ta’ tali stqarrija mill-prosekuzzjoni fil-proceduri penali allegatament tilledi jew x’aktarx tilledi d-drittijiet tar-rikorrenti kif sancit fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 (3) (c) konguntivament ma’ l-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Ligijiet ta’ Malta).

L-esponent jikkontesta l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti stante illi huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

L-esponenti jissottometti illi bhala principju ma jezisti l-ebda dritt fundamentali ta’ assistenza legali izda jezisti biss dritt fundamentali ta’ smiegh xieraq meta bniedem ikun akkuzat b’reat kriminali. Kull meta l-Qorti Ewropea sabet li kien hemm ksur tad-dritt ta’ smiegh xieraq minhabba n-nuqqas ta’ assistenza minn avukat waqt l-

interrogazzjoni mill-Pulizija, dejjem ikkwalifikat il-gudizzju taghha u irriteniet illi jekk eventwalment il-persuna ma kienx ser ikollha smiegh xieraq fil-proceduri kriminali, allura l-persuna ghandha dritt tkun assistita minn avukat waqt l-investigazzjoni. L-esponenti jirrileva illi certament illi mhux il-kaz illi l-Qorti Ewropea irriteniet li jekk persuna ma kinitx assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni, allura awtomatikament dik il-persuna soffriet ksur ta' dritt ta' smiegh xieraq.

L-esponenti jissottometti illi d-dritt ta' smiegh xieraq irid ikun evalwat fir-rigward tat-totalita' tal-procedura u mhux fir-rigward ta' mumenti minnha bhal ma qieghed jittanta jaghmel ir-rikorrent fejn qed jiffoka fuq l-istadju ta' l-interrogazzjoni. L-esponenti jissottometti illi d-dritt ta' smiegh xieraq ma jistax ikun evalwat fir-rigward ta' mumenti li sehhew qabel ir-rikorrenti effettivament kien tressaq bhala akkuzat. Dan kien stabbilit fil-kaz fl-ismijiet **Imbroscia v. Switzerland** (applikazzjoni numru 13972/88 deciz mill-Qorti Ewropea fl-24 ta' Novembru 1993):

'The manner in which article 6 (1) and 3 (c) is to be applied during the preliminary investigation depends on the special features of the proceedings involved and on the circumstances of the case. In order to determine whether the aim of Article 6 – a fair trial – has been achieved, regard must be had to the entirety of the domestic proceedings conducted in the case'.

L-esponenti jissottometti illi r-rikorrenti bl-ebda mod ma kien imgieghel jaghti l-istqarrija illi ta. Ir-rikorrenti inghata t-twissija skont il-ligi senjatament li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq izda li dak li kien ser jghid seta' jingieb bhala prova kontra tieghu. Illi l-istess rikorrent kien qieghed jifhem l-import tac-cirkostanza li kien jinsab fiha. Dan iktar u iktar meta wiehed iqis li l-akkuzat irrilaxxa zewg stqarrijiet fejn hu ammetta biss fit-tieni wahda u di piu' kkonferma t-tieni stqarrija li ghamel billi din regghet inqrat u giet registrata fil-prezenza tieghu u b'mod volontarju ghall-ahhar. In oltre, dak li intqal minnu gie sussegwentement ikkorraborat mill-akkuzat meta sar access fuq ix-xena tad-delitt u liema cirkostanzi gew

ikkorraborati mill-provi li kienu gew elevati fl-istadju investigattiv li kien sehh diversi snin qabel.

L-esponenti jissottometti illi fil-fatt fl-ebda waqt tal-proceduri ma giet attakkata l-validita’ jew il-volontarjeta’ ta’ l-istqarrija da parti tar-rikorrenti izda kien biss wara numru konsiderevoli ta’ snin mir-rilaxx ta’ tali stqarrija u meta inhareg l-att ta’ l-akkuza in konfront tar-rikorrent, precizament gimghatejn qabel is-smiegh tal-guri li kien debitament appuntat, li qieghda issa tigi attakkata l-istqarrija sabiex l-istess rikorrent jittanta jistultifika l-proceduri penali fuq il-pretensjoni li allegatament l-istqarrija ttiehdet bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu.

L-esponenti jissottometti illi recentement, il-Qrati nostrali kellhom l-opportunita’ illi jezaminaw dan il-punt u l-Qorti Kostituzzjonali f’dawn il-pronunzjamenti stabbiliet il-principju illi kull kaz irid jigi analizzat u skrutinizzat fit-totalita’ tieghu u fuq il-fattispecie partikolari tal-kaz partikolari. Il-fatt illi persuna suspettata ma tkunx assistita minn avukat waqt l-interrogatorju, ma jilledix id-dritt ghas-smiegh xieraq, tant hu hekk illi l-istess Qorti Kostituzzjonali sabet illi l-ligi vigenti li taghti lok ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju instabet illi effettivament tinsab in linea mad-dispozizzjonijiet tad-drittijiet fundamentali.

L_esponenti jissottometti illi l-Qorti Kostituzzjonali diga’ stabbiliet il-principju u kkonkludiet illi d-decizjoni ta’ Salduz v. Turkey deciza mill-Qorti Ewropea fis-27 ta’ Novembru 2008 ma ghandhiex ikollha effett retroattiv. Essenzjalment, dan huwa l-pern tal-kwistjoni odjerna u cioe’ illi l-istadju preliminari tal-proceduri penali ta’ dan il-kaz, gew konkluzi fis-sena 2006 u cioe’ sentejn qabel id-decizjoni ta’ Salduz v. Turkey, li ghalhekk, in linea mal-pronunzjament tal-Qorti Kostituzzjonali tat-12 ta’ April 2011 fir-referenza kostituzzjonali fl-ismijiet ‘Il-Pulizija (Spettur Victor Aquilina) vs Mark Lombardi’, ma tistax tigi applikata ghall-kaz odjern.

In vista tas-suespost ma hemm l-ebda ksur ta' dawn l-Artikoli.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet.

Rat li r-referenza thalliet ghas-sentenza.

Il-Qorti tibda biex tirreferi ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fir-referenza kostituzzjonali "Il-Pulizija vs Franck Cachia" (16 ta' Frar 2011 – Imhallef J.R. Micallef), fejn il-Qorti rriteniet hekk:

"*Billi l-kwestjoni tkun inqalgħet quddiem Qorti li mhix il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali, u billi l-proċediment ma jkunx tressaq quddiem din il-Qorti direttament minn min jallega l-ksur tal-jedd fondamentali partikolari, din il-Qorti jkollha tqis fedelment il-kwestjoni fil-mod u t-termini mgħoddijin lilha mill-Qorti li tkun għamlet ir-riferenza, u jekk tonqos li tagħmel dan jew titbiegħed milli tqis dak lilha riferut, tkun qegħda tiddeċiedi extra petita*[1]*;*

*Illi huwa minħabba f'hekk li huwa mixtieq li riferenza kostituzzjonali ta' Qorti lil din il-Qorti għandha tkun magħmula b'mod li l-ordni tar-riferenza jkun fih b'mod konċiż u ċar il-fatti li jagħtu lok għall-kwestjoni*[2]*.*"

F'dik il-kawza, il-Qorti rriteniet ukoll:

"*Ladarba l-każ tressaq quddiemha permezz ta' riferenza minn Qorti oħra, ma tistax tagħżel li ma teżerċitax is-setgħa kostituzzjonali tagħha milli tqis l-aspetti kostituzzjonali jew konvenzjonali tar-riferenza. Dan*

---

[1] Kost. **30.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea et vs Briffa et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.540**) a fol. 554-5.
[2] P.A. Kost. **2.12.1987** fil-kawża fl-ismijiet ***Spett. P. Sammut et vs Edwin Bartolo et*** (Kollez. Vol: **LXXI.iii.727**)

*jingħad għaliex ir-riferenza nnifisha torbot lil din il-Qorti li tiddeċidi l-kwestjoni riferuta u ma tapplikax għaliha d-diskrezzjoni li hija miftuħa għal din l-istess Qorti taħt l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni (jew l-artikolu 4(2) tal-Kap 319) meta l-kawża tkun tressqet b'rikors mill-persuna aggravata.*"

L-insenjament ta' dawn il-Qrati in subiecta materia jinsab sal-lum kristalizzat fil-gurisprudenza tal-Qrati Maltin b'referenza ghad-dritt fundamentali sancit fl-Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea li jipprovdi illi:

"*(1) Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u tal-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragjonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi.*

*"(3) Kull min ikun akkuzat b'reat kriminali ghandu d-drittijiet minimi li gejjin:*

*"(c) li <u>jiddefendi ruhu personalment jew permezz ta' assistenza legali</u> maghzula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi bizzejjed li jhallas l-assistenza legali, din ghandha tinghatha lilu b'xejn meta l-interessi tal-gustizzja jehtiegu hekk.*"

Fl-istess sentenza, il-Qorti ta' l-Appell ghamlet referenza ghall-kaz Salduz, fejn il-Qorti Ewropea rriteniet illi:

"*In order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, <u>as a rule</u>, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police.*

*"Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction - whatever its justification - must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6.*

*"The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during*

*police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction”* ***Salduz*** *[para 55].”*

Il-Qorti ta’ l-Appell in segwitu sahqet illi:

“*Ir-regola hi li l-Artikolu 6(1) jitlob li jkun hemm dritt ta’ avukat fl-istadju tal-investigazzjoni mill-pulizija, sakemm ma jigix pruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Id-dritt ghall-avukat hi r-regola, ir-restrizzjonijiet huma l-eccezzjoni.”*

Il-Qorti Ewropea fil-kawza “Panovits vs Cyprus”, irriteniet ukoll:

“*As regards the applicant’s complaints which concern the lack of legal consultation at the pre-trial stage of the proceedings, the Court observes that the concept of fairness enshrined in Article 6 requires that the accused be given the benefit of the assistance of a lawyer already at the initial stages of police interrogation. The lack of legal assistance during an applicant’s interrogation would constitute a restriction of his defence rights in the absence of compelling reasons that do not prejudice the overall fairness of the proceedings.*”

Fil-kaz in ezami, jirrizulta illi r-rikorrent jinsab akkuzat b’diversi reati fosthom omicidju volontarju. Jirrizulta ukoll illi l-akkuzat irrilaxxa zewg stqarrijiet lill-Pulizija Ezekuttiva. Fl-ebda minn dawn l-okkazjonijiet ma kellu access ghall-assistenza legali.

Issa qed jigi sollevat illi t-tutela tad-dritt ta’ smiegh xieraq tista’ tigi evalwata biss b’relazzjoni ghall-proceduri kollha u ghalhekk ikun prematur li wiehed jiddeciedi f’dan l-istadju bikri tal-process.

F’dan il-kuntest, il-Qorti tirreferi ghal fuq citata sentenza ta’ Privitera, fejn il-Qorti sostniet illi:

“*Ghalkemm din il-Qorti taqbel ma’ dan il-principju, hija tal-fehma pero` li meta diga` jkun hemm ragunijiet bizzejjed li fuqhom il-Qorti tkun tista’ ssib li hemm lezjoni,*

*m'ghandhiex toqghod tistenna sakemm jintemm il-kaz jew li jigi attwalment miksur id-dritt pretiz biex tiddeciedi jekk hemmx lezjoni jew le. Jista' jaghti l-kaz li jkun tard wisq jew dak li jkun imbaghad jibqa' minghajr rimedju. Kif tikteb* ***Karen Reid**, **"A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights",*** *[3rd Edition page 70] "While the conformity of a trial with the requirements of Article 6 must be assessed on the basis of the trial as a whole, a particular incident may assume such importance as to constitute a decisive factor in the general appraisal of the trial overall". Fil-fehma ta' din il-Qorti n-nuqqas ta' assistenza ta' avukat fl-istadju ta' investigazzjoni hu wiehed minn dawn ic-cirkostanzi li jistghu jippregudikaw id-dritt ta' persuna akkuzata irrimedjabbilment.*"

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi twiegeb ghall-kwistjoni riferita lilha mill-Qorti Kriminali fit-2 ta' Mejju 2011 billi ssib illi gew lezi d-drittijiet tar-rikorrenti ghal smiegh xieraq kif sancit bl-Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Tordna li l-proceduri kontra r-rikorrent jitkomplew koformament ma' dak hawn deciz u kopja ta' din id-decizjoni tintbaghat lill-Qorti Kriminali ghall-prosegwiment tal-proceduri.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------